MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2012

Numru. 318/2012

**ARTHUR MERCIECA**
**SPETTUR PRISCILLA CARUANA**

**KONTRA**

**NICOLA FARRUGIA 51 SENA IBEN CARMEL U JOSEPHINE NEE TANTI, IMWIELED SIGGIEWI FL-4 TA' MEJJU, 1960, RESIDENTI TAL-GRAZZJA, TRIQ BIEB IS-SULTAN, ZABBAR, U DETENTUR TAL-KARTA TAL-IDENTITA' 319260M**

**ADRIAN FARRUGIA 27 SENA IBEN NICHOLAS U ANTONIA CONNIE VICTORIA NEE PACE, IMWIELED PIETA' FIT-28 TA' FRAR, 1985 RESIDENTI 9 ST JOSEPH, FLAT 3, MISRAH TAL-MADONNA MEDJATRICI, ZABBAR U DETENTUR TAL-KARTA TAL-IDENTITA' 156885M**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmija **Nicola Farrugia u Adrian Farrugia** li gew akkuzati talli fil-25 ta’ Marzu, 2012, gewwa l-fabbrika numru HHF12 Hal Far ghall-habta ta’ 10.30 a.m. ikkommettew serq ta’ diversi oggetti liema serq jammonta ghal Euro 550 u ghalhekk ikkwalifikat bil-valur, bil-mezz, u bil-lok.

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi gewwa l-fabbrika numru HHF12 Hal Far volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli liema hsara teccedi il-Euro 116.47 ghad-dannu tal-kumpanija MIP.

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi gewwa Hal Far laqghu ghandhom, kienu fil-pussess, jew xtraw jew iccirkolaw jew indahlu biex ibieghu hwejjeg misruqa jew mehuda b’qerq.

Nicola Farrugia wahdu akkuzat talli8 huwa sar recidiv ai termini ta’ l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, b’diversi sentenzi, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat li l-imptuat wiegeb li kien hati ta’ l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet ix-xhieda.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Qieset illi zewg persuni nqabdu fil-fatt gewwa fabbrika mhux tintuza, propjeta’ tal-Gvern, jisirqu oggetti tal-hadid li jinbieghu ghall-iscrap.

Qieset li kkoperaw mal-pulizija, qalu li raw li l-fabbrika ma kinitx qed tintuza, ressqu van hden ic-cint u kien facli biex jiehdu l-hadid.

Rat l-istqarrijiet tal-akkuzati fejn qalu li ghalihom dan ma kienx serq peress li raw fabbrika sdingata u ghalihom gabru oggetti abbundanati.

Rat il-fedina penali ta' Adrian Farrugia li hi netta. Issib lil ADRIAN FARRUGIA HATI wara li rat l-artikoli 261, 263, 267, 269, 278, 279, 325, 334 (alternattiv) u 17 tal-Kapitlu 9, rat l-artikolu 22 tal-Kapitlu 446 u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn mil-llum.

Issib lil Nicola Farrugia hati wkoll ta' l-istess artikoli.

Rat li NICOLA FARRUGIA hu recidiv, l-ahhar sentenza hi sentenza tal-Qorti tal-Appell datata 2002 pero' hi ta' reat li gara snin ilu. Wara li rat l-artikoli 49, 50, 289 tal-Kapitlu 9, rat l-artikolu 7 tal-Kapitlu 446 u tqeghdu taht ordni ta' Probation ghal perjodu ta' sentejn.

Tordna l-komunika ta' din is-sentenza lill-Ufficju tal-Probation Services.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------